**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 374 tal-15 ta' Settembru 2025 dwar talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni għall-aġġornament tal-Kamra taħt l-Ordni Permanenti 13**

Is-Sedja kkonsidrat it-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Alex Borg, sabiex il-Kamra tissospendi x-xogħol tagħha skont l-Ordni Permanenti 13 ħalli tiddiskuti l-materja msemmija fid-dikjarazzjoni ppreżentata mill-Onorevoli Membru u nikkwota:

> "Sur President,
>
> Qed inressaq talba skont l-Ordni Permanenti 13 sabiex il-Kamra taġġorna biex tiddiskuti ħaġa definita ta' importanza pubblika urġenti, u kif ukoll materja ta' theddida għall-fiduċja fil-governanza tajba.
>
> Il-ħaġa definita li qed nitlob li l-Kamra taġġorna biex tiddiskuti huwa r-rapport ippubblikat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika intitolat: "The Government's rescission of restricitons on the site of the Fortina Hotel" – li ġie ppubblikat ftit tal-mumenti ilu, liema dokument talab għal investigazzjoni ulterjuri: minħabba nuqqasijiet kbar fosthom in-nuqqas ta' ħarsien ta' interess pubbliku, u nuqqas ta' trasparenza u informazzjoni lil dan il-Parlament.
>
> Illi fost dawn id-diversi kundanni, l-Awditur Ġenerali qalha ċara: illi l-Gvern falla b'mod skandaluż milli jħares l-interess pubbliku. Il-valur tal-art pubblika ngħata bi prezz baxx ħafna, ferm inqas minn dak li stabbilixxew l-esperti. Dan mhux biss hu falliment ta' governanza tajba, imma tradiment dirett tal-fiduċja taċ-ċittadini.
>
> Din hija kwistjoni ta' importanza pubblika urġenti, u tammonta għal bżonn ta' diskussjoni urġenti wara dan ir-rapport ta' kundanna fuq il-Gvern: b'aktar minn 200 paġna dettall.
>
> Għalhekk qed inressaq din il-mozzjoni skont l-Ordni Permanenti 13 għall-Aġġornament tal-Kamra sabiex tiddiskuti din il-ħaġa definita ta' importanza pubblika urġenti kif għadni kif spjegajt.
>
> Sur President, qed ngħaddilek din id-dikjarazzjoni miktuba dwar is-suġġett li għandu jiġi diskuss skont kif għadni kif stqarrejt."

Fil-kunsiderazzjoni tagħha s-Sedja rreferiet ukoll għall-intervent li għamlet il-Whip tal-Gvern l-Onor. Naomi Cachia, kif ukoll stqarrija maħruġa llum stess mill-Gvern tramite d-Dipartiment tal-Informazzjoni bir-referenza PR251567 b'reazzjoni għar-rapport tal-NAO msejjaħ *The Government's recission of restrictions on the Site of the Fortina Hotel*.

Is-Sedja tirrileva li kull meta ġiet trattata talba taħt dan l-Ordni Permanenti, dejjem rat jekk tali talba tissodisfax tliet rekwiżiti u ċjoè jekk il-materja hijiex materja definita, ta' importanza pubblika u urġenti.

Filwaqt li tagħraf, kif diġà ngħad fil-Kamra li l-materja hija definita u bla dubju ta' importanza pubblika, jeħtieġ li s-Sedja tkun sodisfatta dwar il-kweżit tal-urġenza. Irid jiġi nnotat mill-ewwel li l-element tal-urġenza huwa fundamentali għall-konsiderazzjoni tas-Sedja sabiex tasal għal deċiżjoni dwar jekk għandhiex tilqa' din it-talba li qed issirilha taħt l-Ordni

Permanenti 13.

Kif diġà ġie dikjarat minn din is-Sedja u minn diversi Speakers preċedenti, meta tiġi biex tikkonsidra dan l-element ta' urġenza, hija mhux biss tara jekk il-materja nnifisha hijiex urġenti iżda wkoll jekk din tkunx tant mgħaġġla li l-Kamra jkollha tissospendi x-xogħol tagħha minnufih sabiex tiddibatti tali materja għaliex inkella jkun tard wisq jekk id-dibattitu jsir fi stadju ulterjuri.

Is-Sedja tinnota li fl-Istqarrija tal-Gvern li l-Gvern stqarr illi kien:

> "diġà aġixxa fuq dawn in-nuqqasijiet meta f'Awwissu 2024 daħħal Avviż Legali li permezz tiegħu nħoloq metodu u kriterji aktar ċari, konsistenti u oġġettiv kif isiru valutazzjonijiet ta' tneħħija ta' kundizzjonijiet f'kuntratti li jikkonċernaw art pubblika. Mhux talli hekk, talli dan l-Avviż Legali daħħal penali ta' 25% tal-valur tal-kundizzjoni jekk kemm-il darba jinstab li dik il-kundizzjoni tkun inkisret diġà.
>
> Il-proċedura użata sabiex sar dan il-kuntratt li kien investigat mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali kienet skont dak li kien jistipula l-Att dwar l-Artijiet tal-Gvern (Kap. 573). Dan ifisser li l-valutazzjoni tat-tibdil fil-kundizzjonijiet ġiet stmata minn tliet periti li ma jiffurmawx parti mill-Awtorità tal-Artijiet u skrutinizzata mill-Bord tal-Gvernaturi tal-istess awtorità.
>
> Kien biss wara li ttieħdu dawn il-passi li l-kuntratt bejn il-Gvern u Fortina ġie diskuss u approvat kemm mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u anke mill-Parlament."

Is-Sedja min-naħa l-oħra tifhem l-importanza assoluta li qajjem l-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni dwar dak li kkonkluda l-Awditur Ġenerali speċjalment fil-paragrafu finali, u nikkwota:

> *"the NAO recommends that the pertinent authorities whose action is warranted, actively consider the possibility to further investigate this matter to address concerns that extend beyond the remit of this Office."*

Għaldaqstant is-Sedja ma tarax li l-element ta' urġenza b'mod immedjat, kif definit aktar qabel u b'mod kostanti f'rulings preċedenti, jirriżulta f'dan l-istadju fejn l-Awditur Ġenerali stess fost 11-il paġna ta' konklużjonijiet qiegħed jirrakkomanda li jsiru investigazzjonijiet ulterjuri.

Filwaqt illi f'dan l-istadju prematur is-Sedja mhix qed tilqa' t-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni, tħeġġeġ lill-Awtoritajiet ikkonċernati biex fi żmien raġonevoli jindirizzaw il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet, kif ukoll l-eżitu ta' kull investigazzjoni kif indikata fl-istess rapport tal-Awditur Ġenerali ippubblikat ftit tal-ħin ilu.

Ir-ruling huwa deċiż.